MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 384/2006

**Maltacom plc**

**Vs**

**Godwin Agius**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' April, 2006 in forza ta' liema jintalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' mija u disghin lira u seba` centezmi (Lm190.07) rapprezentanti ammont li ghadu dovut minnu in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21525844 kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mmarkati bhala Dok A, Dok B u Dok C.

Ra illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa' ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema' x-xhieda ta' Dr Ingrid Zammit Young li bil-gurament taghha kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.
Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma kif mitluba ta' mija u disghin lira u sebgha centezmi (Lm190.07) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu ta' l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------